TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Ottubru, 2024**

**Talba Nru: CCT189/24/DS**

**Joseph Caruana**

**Vs**

**Portelli & Brincat Ltd.**

## It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba tar-rikorrenti pprezentat fit-2 ta' Novembru, 2024 fejn talab illi s-soċjeta' intimata tirrifondieh l-ammont ta' elfejn u disgħa mitt Ewro (€2,900) illi huwa ħallas f'depożitu għal żewġ pergoli illi ma ġewx installati;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u ghal din ir-raguni giet meqjusa kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra illi l-attur preżenta l-pużizzjoni tiegħu;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonferma d-dettalji dwar it-talba tiegħu taħt ġurament. Galadarba s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti graw hekk kif gie konfermat taħt gurament.

Illi t-Tribunal ulterjorment jinnota illi l-attur kemm il-darba prova jikkomunika mas-soċjeta' attriċi u din twiegħdu illi ser tinstalla l-pergoli dan ma seħħx. L-attur

permezz ta' ittra mibgħuta bl-għajnuna ta' bintu liema ittra kienet imwieġba mis-soċjeta' intimata talab illi jew jiġu nstallati l-pergoli sa l-4 ta' Lulju, 2024 inkella jiġi rifuż id-depożitu stante illi l-akkordju li kien hemm bejniethom ma ġiex onorat mill-istess soċjeta' attriċi. B'ittra datata 3 ta' Lulju, 2024 għal darb'oħra s-soċjeta' attriċi wiegħdet illi ser jinbeda x-xogħol tal-elettriku u għal nofs ix-xahar ta' Lulju, 2024 kellu jinżel Malta l-installatur taljan u jagħmel ix-xogħol tal-installar tal-pergoli, iżda għal darb'oħra dan kien kliem fieragħ u dawn il-pergoli sal-lum għadhom ma ġewx installati. Dan l-aġir irresponsabbli minn naħa tas-soċjeta' intimata ikkawża inkonvenjent ċar lill-attur illi jkun inġust illi jgħaddi inosservat.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tirrifondi l-ammont ta' elfejn u disgħa mitt Ewro (€2,900) lill-attur u tilliberah mill-osservazzjoni tal-ftehim mas-soċjeta' attriċi konsekwenza tal-ksur tal-istess ftehim minn naħa tagħha, kif ukoll jikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ta' ħamsin Ewro (€50.00) lill-istess attur bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżatlu.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**